2024/1801

1.7.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1801

tat-28 ta' Ġunju 2024

li jistabbilixxi d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mill-1 ta' Lulju 2024 u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1221

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 183 tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 ([2]), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1221 ([3]) iffissa l-livell tad-dazji tal-importazzjoni għaċ-ċereali. Ir-Regolament (UE) Nru 642/2010 tħassar. Ir-regoli li f'konformità magħhom huma stabbiliti d-dazji tal-importazzjoni għaċ-ċereali huma stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2834 ([4]). Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1221 jiġi sostitwit u jenħtieġ li jiġu stabbiliti d-dazji tal-importazzjoni għaċ-ċereali f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2384.

(2) L-Artikolu 15(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2834 jipprevedi li, għall-prodotti taċ-ċereali li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda ("NM") 1001 11 00, 1001 19 00, ex 1001 91 20 [il-qamħ komuni għaż-żrigħ], ex 1001 99 00 [il-qamħ komuni ta' kwalità għolja minbarra dak għaż-żrigħ], 1002 10 00, 1002 90 00, 1005 10 90, 1005 90 00, 1007 10 90 u 1007 90 00, id-dazju tal-importazzjoni huwa daqs il-prezz tal-intervent li jgħodd għal dawn il-prodotti fil-waqt tal-importazzjoni tagħhom, biż-żieda ta' 55 % u bit-tnaqqis tal-prezz tal-importazzjoni tal-kost, assigurazzjoni u nol (CIF - Cost, Insurance, Freight) applikabbli għall-kunsinna kkonċernata. Madankollu, dak id-dazju ma jistax jaqbeż ir-rata konvenzjonali ta' dazju kif stabbilita fuq il-bażi tan-NM.

(3) L-Artikolu 15(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2834 jipprevedi li, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu, kull tant żmien għandhom jiġu stabbiliti prezzijiet rappreżentattivi tal-importazzjoni tas-CIF għall-prodotti msemmija f'dak il-paragrafu.

(4) Skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2834, il-prezz tal-importazzjoni li għandu jintuża għall-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 15(1) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni huwa l-prezz rappreżentattiv tal-importazzjoni CIF ta' kuljum stabbilit bl-użu tal-metodu previst fl-Artikolu 19 ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 tal-20 ta' Lulju 2010 dwar regoli ta' applikazzjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar id-dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali (ĠU L 187, 21.7.2010, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/642/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1221 tas-26 ta' Awwissu 2020 li jistabbilixxi d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali, applikabbli mis-27 ta' Awwissu 2020 (ĠU L 279, 27.8.2020, p. 1, (ELI:http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1221/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2834 tal-10 ta' Ottubru 2023 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-importazzjonijiet fis-setturi tar-ross, taċ-ċereali, taz-zokkor u tal-ħops (ĠU L, 2023/2834, 21.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2834/oj).

(5) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1652 ([5]) li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni jipprevedi miżuri tariffarji sabiex jiġi evitat, fost prodotti oħra, iċ-ċereali, iż-żrieragħ żejtnin u l-prodotti derivati mill-Belarussja u mir-Russja milli jkomplu jidħlu fis-suq tal-Unjoni b'termini ugwalment favorevoli bħal dawk applikati għall-prodotti minn oriġini nonpreferenzjali oħra.

(6) Sabiex jiġi żgurat trattament bla xkiel tal-importazzjonijiet, jenħtieġ li jiġi ċċarat li d-dazji stabbiliti f'dan ir-Regolament ma japplikawx għall-importazzjonijiet mill-Belarussja u mir-Russja.

(7) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti d-dazji tal-importazzjoni għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2834 u jenħtieġ li japplikaw sakemm jiġi stabbilit u jidħol fis-seħħ dazju tal-importazzjoni ġdid.

(8) Fl-interess taċ-ċarezza u taċ-ċertezza legali, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1221 jitħassar u jiġi sostitwit b'dan ir-Regolament.

(9) F'konformità mal-Artikolu 16(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2834, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mill-1 ta' Lulju 2024, id-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali msemmija fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2834 għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament abbażi tal-informazzjoni msemmija fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1221 jitħassar mill-1 ta' Lulju 2024.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ġunju 2024.

Għall-Kummissjoni,
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill 2024/1652 tat-30 ta' Mejju 2024 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L, 2024/1652, 10.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1652/oj).

ANNESS I

DAZJI TAL-IMPORTAZZJONI GĦALL-PRODOTTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 15(1) TAR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI (UE) 2023/2834 APPLIKABBLI MILL-1 TA' LULJU 2024

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Dazju tal-importazzjoni (1) (2) (EUR/tunnellata)
1001 11 00	Qamħ durum, għaż-żrigħ	0,00
1001 19 00	Qamħ durum ta' kwalità għolja, minbarra dak għaż-żrigħ	0,00
	Ta' kwalità medja, minbarra dak għaż-żrigħ	0,00
	Ta' kwalità baxxa, minbarra dak għaż-żrigħ	0,00
ex 1001 91 20	QAMĦ komuni, għaż-żrigħ	0,00
ex 1001 99 00	Qamħ komuni ta' kwalità għolja, minbarra dak għaż-żrigħ	0,00
1002 10 00	Segala, għaż-żrigħ	0,00
1002 90 00	SEGALA minbarra dik għaż-żrigħ	0,00
1005 10 90	QAMĦIRRUM għaż-żrigħ minbarra l-qamħirrum ibridu	0,00
1005 90 00	Qamħirrum, minbarra dak għaż-żrigħ (3)	0,00
1007 10 90	Sorgu tal-qamħ, minbarra ibridi għaż-żriegħ	0,00
1007 90 00	Sorgu tal-qamħ, minbarra dak għaż-żrigħ	0,00

(1) Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 16(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2834, l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fid-dazji ta':
— EUR 3 għal kull tunnellata, jekk il-port tal-ħatt ikun jinsab fil-Baħar Mediterran (lil hinn mill-Istrett ta' Ġibiltà) jew fil-Baħar l-Iswed u jekk il-merkanzija tasal fl-Unjoni mill-Oċean Atlantiku jew permezz tal-Kanal ta' Suez;
— EUR 2 għal kull tunnellata, jekk il-port tal-ħatt ikun jinsab fuq il-kosta tal-Atlantiku tal-Peniżola Iberika, fl-Irlanda, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja u fl-Iżvezja u fejn il-merkanzija tasal mill-Oċean Atlantiku.

(2) Għall-prodotti li joriġinaw fi jew li huma esportati direttament jew indirettament mill-Belarus u mir-Russja, id-dazji applikabbli għandhom jikkorrispondu mar-rata konvenzjonali ta' dazju stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni.

(3) L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 għal kull tunnellata jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2023/2834.

ANNESS II

FATTURI GĦALL-KALKOLU TAD-DAZJI TAL-IMPORTAZZJONI STABBILITI FL-ANNESS I

1. Il-prezzijiet medji għall-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2834:

(EUR/tunnellata)

	Qamħ komuni [1]	Qamħirrum
Il-Borża	ta' Minneapolis	Chicago
Kwotazzjoni	263,298	163,896
Primjum fuq il-Golf Messikan	-	19,921
Primjum fuq l-Għadajjar il-Kbar	40,942	-

[1] Primjum pożittiv ta' EUR 14 għal kull tunnellata inkorporata f'konformità mal-Artikolu 19(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2834.

2. Il-prezzijiet medji għall-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2834:

(EUR/tunnellata)

Spejjeż għat-trasport: Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam	24,529
Spejjeż għat-trasport: L-Għadajjar il-Kbar-Rotterdam	44,129